jasal il-Belt jew il-Furjana fejn konna niltaqgħu, ħafna drabi bl-attakki mill-ajru wieħed f'wieħed, jista' jara b'liema ħeġġa u ħrara l-membri tal-"Għaqda" taħt id-direzzjoni tal-Professur Galea kienu baqgħu jaħdmu biex iżommu ħaj is-sentiment ta' mħabba tal-Lsien Malti. Ġie li għamilna laqgħat tal-Kunsill mill-anqas tnejn f'xahar, kif jidher minn rapport li jien kont għamilt bħala Segretarju għas-sena 1943.

F'dik is-sena nħasset ħtieġa ġdida. Kien hemm bżonn jitwaqqaf Kunsill Ċentrali. L-"Għaqda" sejħet laqgħat straordinarji li fihom ġew mistiedna u ħadu sehem il-Professur Ġużè Aquilina u rappreżentanti tal-għaqdiet u x-xirkiet tal-Malti. L-iskop kien biex ilkoll flimkien inkunu nistgħu nilqgħu kull ċaqliqa li qatt setgħet tinqala' kontra l-Ilsien Malti. Kif fisser il-President f'waħda minn dawn il-laqgħat li kienet saret f'Diċembru 1943, "hawn xi wħud li llum iridu jnaqqsu mill-importanza li ħa l-Malti u jkun dnub u għajb għalina li nħallu 'l min inaqqaslu mill-ġieħ li kiseb".

Ir-riħ li kien qed jonfoħ dak iż-żmien ma kienx favur tagħna. Għalhekk il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" bħala l-mamma tal-għaqdiet l-oħra kollha ħasset li kien wasal iż-żmien li mhux kulħadd jibqa' jaħdem għal rasu. "Il-kawża għal kulħadd hi waħda", kif kien qal il-Professur Aquilina f'dik il-laqgħa, "u għalhekk jeħtieġ li lkoll ningħaqdu biex insibu rwieħna mhejjija għal meta tinqala' xi kriżi".

Kulħadd qabel mal-fehmiet imfissra mill-President u mill-Professur Aquilina, u l-Kunsill Ċentrali twaqqaf bil-President u s-Segretarju tiegħu l-Professur Galea u jien **ex officio**.

F'kull attività b'riżq il-Malti għandna nsibu dejjem imdaħħal isem il-Professur Galea. Bħalma kien ir-ruħ tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" u tal-"Kunsill Ċentrali", kien hu wkoll li ħadem sħiħ bħala President tax-"Xirka għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti" bejn l-1940 u l-1944.

Għall-ħidma tiegħu għall-Malti pretensjonijiet ma kellu xejn. Kulma kien irid illi jara l-Ilsien Malti mwaqqaf fuq pedestall sod u li l-letteratura Maltija twarrad, tikber u tisbieħ. Għalhekk kienet bil-jedd kollu tistħoqqlu l-għotja tal-Medalja "Ġużè Muscat Azzopardi".

Iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni ta' din il-Medalja lill-Professur Ġużè Galea saret fil-Librerija ta' l-Università Rjali ta' Malta fl-14 ta' Novembru, 1949. Nagħlaq billi nislet kelmtejn mid-diskors li



għamel Ivo Muscat Azzopardi, ħu Ġino, il-Fundatur tal-Premju: "Ġużè Galea għandu prerogativi oħra barra minn dawk ta' kittieb u għal seba' snin sħaħ għaraf iżomm, dejjem lesta f'idu, il-ġarra taż-żejt biex malli jħoss u jara li l-baħar beda jitqanqal, araħ jitfa' f'wiċċ l-ilma ftit minn ta' ġo fiha ħa jraqqad il-qilla tal-mewġ. Lil Ġużè Galea nistgħu bla dubju xejn ngħodduh bħala xempju, is-simbolu tal-'Għaqda' fost il-Kittieba tal-Malti".

Id-Ditta

**Giov. Muscat & Co. Ltd.**

tħossha mkabbra

li kienet stampat

l-ewwel rumanz ta' Ġużè Galea

**ŻMIEN L-ISPANJOLI (1937)**

u l-ġabra ta' novelli

**ĠRAJJA TAL-GWERRA (1945)**